

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-22 ta' Ottubru 2009 — Aayhan et vs Il-Parlament Ewropew**

(Kawża F-10/08) <sup>(1)</sup>

(M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni)

(2009/C 312/70)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Laleh Aayhan (Strasbourg, Franza) u oħrajn (rappreżentant: R. Blindauer, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: M. Mustapha-Pacha u R. Ignătescu, sussegwentement minn R. Ignătescu u S. Seyr, aġenti)

### Suġġett

L-annullament tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-25 ta' Ottubru 2007, li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrenti fil-21 ta' Ġunju 2007 għar-rikwalifikazzjoni tal-kuntratti kollha għal żmien fiss li kellhom ma din l-istituzzjoni f'kuntratt wieħed għal żmien mhux determinat.

### Dispożittiv tad-digriet

- (1) M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors F 10/08, Aayhan et vs Il-Parlament Ewropew.
- (2) Ir-rikorrenti għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk tal-Parlament Ewropew.

<sup>(1)</sup> ĠU C 64, 08.03.2008, p. 70

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Settembru 2009 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-78/09)

(2009/C 312/71)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

### Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta t-talba tar-rikorrent dwar ir-rimbors tal-ispejjeż proċedurali sostnuti fil-Kawża T-18/04, li fiha l-konvenuta ġie kkundannata b'sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-10 ta' Ġunju 2008. Barra minn hekk, tikkundanna lill-konvenuta sabiex tikkompensa d-dannu materjali u morali kkawżat lir-rikorrent.

### Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta, indipendentement mill-forma tagħha, li permezz tagħha ġiet miċħuda t-talba tat-22 ta' Settembru 2008;
- jannulla, sa fejn huwa neċessarju, id-deċiżjoni, indipendentement mill-forma tagħha, li permezz tagħha ġie miċħud l-ilment tat-8 ta' April 2009;
- jikkundanna lill-konvenuta tħallas lir-rikorrenti, l-ammont ta' EUR 15 882,31, flimkien mal-interessi moratorji bir-rata ta' 10 % fis-sena b'kapitalizzazzjoni annwali, li jibda jiddekorri mid-data tat-talba tat-22 ta' Settembru 2008 sa llum, bħala kumpens għad-dannu materjali subit mir-rikorrent minħabba d-deċiżjoni kkontestata u li seħħ matul l-imsemmi perijodu;
- jikkundanna lill-konvenuta tħallas lir-rikorrenti, *pro bono et ex aequo*, l-ammont ta' EUR 6 500,00, jew ammont ikbar jew iżgħar li dan it-Tribunal jista' jidhirlu ġust u ekwu, bħala kumpens għad-dannu morali u eżistenzjali subit mir-rikorrent minħabba d-deċiżjoni kkontestata u li seħħ matul il-perijodu mid-data tal-adozzjoni tagħha sa llum;
- jikkundanna lill-konvenuta tħallas lir-rikorrenti, għal kull ġurnata minn għada sa meta t-talba tat-22 ta' Settembru 2008 tintlaqa' *in toto* u mingħajr l-ebda eċċezzjoni u sa meta d-deċiżjonijiet jew atti rilevanti, mingħajr eċċezzjoni, jiġu implementati, l-ammont ta' EUR 5, jew ammont ikbar jew iżgħar li dan it-Tribunal jista' jidhirlu ġust u ekwu, fl-ewwel ġurnata ta' kull xahar fir-rigward tad-drittijiet immaturati mix-xahar ta' qabel, bħala kumpens għad-dannu subit mir-rikorrent minħabba d-deċiżjoni kkontestata u li seħħ matul l-imsemmi perijodu;
- jikkundanna lill-konvenuta tħallas lura l-ispejjeż, id-drittijiet u l-onorarji kollha tal-proċedura li jirrigwardaw dan ir-rikors.